## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2022**

**Talba numru 257/2020SFJ**

***Brian Schembri (95580M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "ProGypsum Works"***

***vs.***

***Charles Farr***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-3 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallsu s-somma ta' elf u sitt mija u ħamsa u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,635.48) rappreżentanti l-valur tax-xogħol imwettaq fuq struzzjonijiet tal-konvenut u għall-benefiċċju tiegħu;

Ra r-risposta ppreżentata fil-25 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha l-konvenut oppona t-talbiet tal-attur;

Ra l-kontro-talba li permezz tagħha l-konvenut talab lit-Tribunal sabiex:

- Jiddikjara li Brian Schembri huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-istess konvenut;
- Jillikwida d-danni relattivi, li għandhom ikunu ffissati mit-Tribunal, *occorrendo* bl-għajnuna ta' periti nominandi;
- Jordna lil Brian Schembri sabiex iħallas l-ammont hekk illikwidat;

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat għall-kontro-talba tal-konvenut, liema risposta ġiet ippreżentata fl-1 ta' Frar 2021;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-6 ta' Diċembru 2022.

**Kwistjonijiet preliminari**

It-Tribunal iħoss li jkun għaqli li qabelxejn jindirizza r-risposta tal-attur għall-kontro-talba, billi l-eċċezzjonijiet hemm imressqa jistgħu jkunu fatali għall-kontro-talba.

L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-attur rikonvenzjonat hija li l-Kontro-talba hija "*…irrita u nulla għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, billi din ġiet ippreżentata fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tal-istess konvenut rikonvenzjonant bl-avviż promotorju tal-attur rikonvenzjonat, u dan f'ċirkostanzi fejn skont ir-Regola dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (L.S. 380.01), kontro-talba għandha tiġi ppreżentata fi żmien tmintax-il (18) jum minn tali notifika*".

Ir-Regolament 4(1) tal-L.S. 380.01 jgħid li meta konvenut ikun innotifikat b'talba, jista', fost affarijiet oħrajn, jippreżenta kontro-talba kontra l-attur. Skont ir-Regolament 4(1), il-kontro-talba tifforma parti mir-risposta tal-konvenut għat-talba tal-attur. Għalhekk, skont l-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat, jekk *se mai* il-kontro-talba ġiet ippreżentata *fuori* t-terminu stipulat fir-Regolament 4(2) tal-L.S. 380.01, mela anki r-risposta titqies *fuori termine* ladarba l-kontro-talba titqies mil-liġi bħala parti mir-risposta.

Jirriżulta mill-*folder* (fol. 9 *a tergo*) tal-proċess li Charles Farr ġie nnotifikat bir-risposta u l-kontro-talba nhar il-5 ta' Jannar 2021. Skont ir-Regolament 4(2) tal-L.S. 380.01, ir-risposta, kemm jekk b'kontro-talba kif ukoll jekk le, kellha tkun ippreżentata entro tmintax-il jum mill-5 ta' Jannar 2021. Bl-applikazzjoni ta' dak stipulat fl-Artikoli 101 sa 109 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ifisser għalhekk li ladarba l-aħħar ġurnata utli għar-risposta kien is-Sibt 23 ta' Jannar 2021, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tal-Kap. 12 ta' Liġijiet ta' Malta, it-terminu jitqies li jkun skada fil-jum immedjatament wara. F'dan il-każ, il-jum wara l-vakanzi pubbliċi huwa t-Tnejn 25 ta' Jannar 2021.

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni hija miċħuda u r-risposta u l-kontro-talba tal-konvenut mhumiex *fuori termine*.

Imbagħad, l-attur rikonvenzjonat jeċċepixxi fir-rigward tal-kontro-talba li t-Tribunal huwa inkompetenti *ratione materiae*, għar-raġuni li ma jistax jiddeċiedi dwar talba merament dikjaratorja, ma jistax jillikwida u konsegwentement jordna li persuna tħallas ammont inċert jew indeterminat li ma kienx indikat fil-kontro-talba, u lanqas jista' jordna lil xi parti tagħmel xi ħaġa fi żmien qasir u perentorju, jiġifieri jimponi obbligazzjoni *di fare*.

L-attur rikonvenzjonat ulterjorment jeċċepixxi fir-rigward tal-kontro-talba li t-Tribunal huwa inkompetenti *ratione valoris* stante li ma jistax jiddeċiedi dwar ammont inċert u indeterminat, u dan skont l-Artikolu 3 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta u skont l-Artikolu 747(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet jiltaqgħu fil-punt fejn it-tnejn korrettement jgħidu li fil-kontro-talba, il-konvenut rikonvenzjonant qiegħed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jordna li jitħallas ammont inċert u indeterminat. It-Tribunal jirreferi kemm għad-diċitura tal-Artikolu 3(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Peter Muscat vs. Tasika Auto Limited*** (deċiża fis-16 ta' Settembru 2004). Il-liġi hija ċara fis-sens li dan it-Tribunal huwa kompetenti *ratione valoris* sabiex jiddeciedi t-talbiet kollha ta' flus ta' mhux iżjed minn ħamest elef Ewro (€5,000). Ifisser neċessarjament għalhekk li sabiex it-Tribunal jikseb kompetenza, il-konvenut rikonvenzjonanti kellu jiddelinea l-kontro-talba tiegħu billi almenu jgħid li ried li jkunu illikwidati danni ta' mhux aktar minn ħamest elef Ewro. Inoltre, it-Tribunal, in segwitu tal-

Artikolu 747(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa tenut iqis li *siccome* l-valur huwa inċert u indeterminat, dan jeżorbita l-kompetenza tiegħu.

Għalhekk, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet imressqa mill-attur rikonvenzjonat qegħdin jintlaqgħu u kwindi t-Tribunal qiegħed jiċħad il-kontro-talba proposta mill-konvenut rikonvenzjonant. Konsegwentement, it-Tribunal m'għandux għalfejn iqis il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-atur rikonvenzjonat għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

**<u>It-talba prinċipali</u>**

Jirriżulta mill-atti li t-talbiet tal-attur jemerġu mill-*invoice* li tinsab a fol. 2 tal-proċess. Huwa ċar ukoll li l-konvenut qiegħed jikkontesta l-ewwel żewġ *items* fl-imsemmija *invoice*, jiġifieri l-*item* intestata "*Removing double board that were already installed to add metal structure Reinstall double board*" u l-*item* intestata "*Rockwool installation (fit to size) metal structure every 30cm not 60cm*".

Inoltre, jirriżulta wkoll ċar li l-konvenut mhuwiex qiegħed jikkontesta l-aħħar tlett ċifri indikati fl-*invoice* li tinsab a fol.2, jiġifieri ċ-ċifri ta' €110, €60, u €66.

Fir-rigward tas-*soundproofing*, jew *sound insulation*, il-konvenut ressaq bħala xhud lil David Debono, li qal li meta żar l-appartament inkwistjoni, assolutament ma rriżultalux li kien hemm *soundproofing*. Inoltre, Graziella Farr, mart il-konvenut, qalet li meta bintha kienet qed iddoqq il-pjanu jew tkanta fil-kamra tal-mużika li suppost kellha tkun *soundproofed*, hija semgħetha ddoqq jew tkanta daqslikieku kienet ħdejha. Jirriżulta mill-messaġġi skambjati li huwa minnu li l-konvenut talab *soundproofing*. Fil-fehma tat-Tribunal, iżda, is-*soundproofing* huwa stat li jintlaħaq billi fil-ħitan ikollok biżżejjed materjal ta' *sound insulation*. Il-fatt li l-materjal huwa materjal ta' *sound insulation* ifisser li jekk tapplika biżżejjed minnu, ser ikollok effettivament *soundproofing*. Jirriżulta wkoll mill-i*screenshots* ta' messaġġi esebiti li l-konvenut ġieli uża l-kliem "*insulation*" (pereżempju a fol. 57) u f'xi okkażjoni oħra uża l-kelma "*soundproofing*". Fix-xhieda tiegħu a fol. 55 u 56, Charles Farr xehed li s-*soundproofing* kellu jkun installat fil-*partition* biss, jiġifieri f'dik il-parti li tifred il-kamra tal-mużika mill-bqija tal-appartament. Fil-fehma tat-Tribunal, iżda, sabiex is-*soundproofing* ikun verament effettiv, wieħed irid japplika l-materjal mhux biss fil-*partition* tal-*gypsum*, iżda mal-erba' ħitan tal-kamra tal-mużika. Altrimenti jkollok biss ħajt wieħed minn erbgħa li huwa *soundproofed*. Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li jekk is-*soundproofing* ma ħadimx, dan ma kienx dovut għal xi materjal difettuż jew installazzjoni ħażina, iżda għall-fatt li l-ftehim kien li l-materjal insulattiv ikun installat biss fil-*partition* tal-*gypsum* u mhux mal-erba' ħitan tal-kamra. Għal dan jaħti biss il-konvenut.

It-tieni punt ta' diverġenza bejn il-partijiet jirrigwarda ż-żieda fil-prezz tar-*rockwool*. L-attur jgħid li r-*rockwool* jiġi manifatturat f'*batches* ta' sittin ċentimetru għaliex hija prassi aċċettata li fl-installazzjoni tal-*gypsum*, ikun hemm sittin ċentimetru bejn virga tal-ħadid u oħra, liema vireg jiffurmaw il-qafas tal-*partition*. Huwa jgħid li ż-żieda minn €9.50 għal kull metru kwadru għal €11.00 għal kull metru kwadru kienet dovuta għall-fatt li l-konvenut insista li l-vireg tal-ħadid ikunu biss tletin ċentimetru bogħod minn xulxin. Dan kien ifisser li l-*batches* ta' sittin ċentimetru kull waħda ma setgħux jiġu installati minnufih, iżda kellhom jinqasmu min-nofs sabiex joqgħodu bejn kull virga. Dan kien jirrikjedi aktar xogħol da parti tal-attur u għalhekk żdied il-prezz. L-attur jgħid li ma ntalabx stima filwaqt li l-konvenut ħass li ż-żieda fil-prezz kienet inġusta. Dwar dan il-punt, it-Tribunal huwa tal-fehma li ladarba l-attur kien diġà spjega lill-konvenut li l-vireg jitqiegħdu f'intervalli ta' sittin ċentimetru u r-*rockwool* jitqiegħed bejn kull virga, messu kien ovvju għall-konvenut li ladarba huwa nsista fuq distanza anqas bejn il-vireg, allura r-*rockwool* kien ser ikollu jkun maqsum f'*batches* iżgħar u dan neċessarjament kien ifisser aktar xogħol. Dan messu kien ovvju anki fil-każ li l-attur naqas li jispjega dan il-

punt lill-konvenut (kif jallega l-konvenut fix-xhieda tiegħu a fol. 59). Fi kwalunkwe każ, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li ż-żieda fil-prezz da parti tal-attur kienet esaġerata.

Jifdal issa li jkun eżaminat jekk ix-xogħol li sar mill-attur kienx skont l-arti u s-sengħa. It-Tribunal jistqarr li r-ritratti sitwati minn fol. 63 sa fol. 71 verament donnhom jindikaw xogħol li ma sarx bl-aħjar mod. It-Tribunal jirreferi għall-kontro-eżami ta' David Debono u josserva li meta wieħed jiġi għal xogħol bħal dak li jifforma l-mertu ta' din l-azzjoni, l-apparenza hija parti essenzjali mill-inkarigu. Wieħed jista' jkollu l-aktar struttura soda fid-dinja, iżda jekk din ma tkunx imkaħħla u miżbugħa skont l-arti u s-sengħa, ir-riżultat finali ser ikun li d-dehra tagħha mhux ser tkun l-isbaħ. Għalhekk, anki jekk il-*gypsum* kien fundamentalment tajjeb fis-sens ta' kostruzzjoni, ma jfissirx li l-*finishing* tiegħu kien tajjeb. Il-konvenut ippreżenta stima (fol. 62) li tindika li l-valur tax-xogħol rimedjali fil-*partitions* tal-kurituri jammonta għal €880.00.

Hija l-fehma tat-Tribunal, għalhekk, li l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut interament stante li xi partijiet mix-xogħol ma sarux skont l-arti u s-sengħa. Għalhekk, fuq bażi *arbitrio boni viri*, it-Tribunal sejjer jirriduċi l-ammont reklamat permezz tal-Avviż tat-Talba b'ħames mitt Ewro (€500.00).

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

i. Jilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u jiċħad il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, filwaqt li jgħid li għalhekk m'hemmx bżonn jittieħed aktar qies tal-bqija tal-eċċezzjonijiet imressqin mill-attur għall-kontro-talba tal-konvenut;

ii. Jilqa' t-talbiet tal-attur limitatament għal elf u mija u ħamsa u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,135.48) għar-raġunijiet aktar 'il fuq spjegati, filwaqt li jiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' parzjalment it-tieni eċċezzjoni;

iii. Jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf u mija u ħamsa u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,135.48) bl-imgħax li għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi, dekorribbli mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu fil-proporzjon ta' tmenin fil-mija (80%) mill-konvenut u għoxrin fil-mija (20%) mill-attur.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**